TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 49/19/F

**André J. Galea**

**vs**

**International Express Transport Limited (C-46666) – Ivan Hallett**

Illum, 8 ta' Mejju, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar id-29 ta' April 2019 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-Intimat fil-31 ta' Jannar 2020;

Ra d-dokumenti eżebiti mill-Partijiet;

Sema' x-xhieda bil-ġurament tar-Rikorrent André J. Galea waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru 2020;

Sema' x-xhieda tar-rappreżentant tal-azjenda intimata Ivan Hallett waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2023.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż mill-Intimat is-somma ta' **erba mija u ħdax-il Euro u sebgħin ċenteżmu (€411.70)** rappreżentanti l-valur ta' merkanzija allegatament mitlufa.

Illi permezz tar-Risposta tiegħu, l-Intimat jikkontesta t-Talba tar-Rikorrenti billi jgħid (i) li Ivan Hallett qatt ma kellu relazzjoni mar-Rikorrent; (ii) li r-Rikorrent irid

jippreżenta id-dokumenti li jsemmi; (iii) li mhux minnu li l-Intimat ma ġabarx dak kollu li kellu jiġbor u li; (iv) it-Talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi fix-xhieda tagħha, ir-Rikorrent spjega li nhar il-15 ta' Diċwmbru huwa kien xtara xi prodotti mingħand l-istabbiliment Bricoman, Misterbianco, Catania, fl-Italja u kien għalhekk ikkuntattja lill-intimat Ivan Hallett sabiex jiġbor dawn il-prodotti, li kienu diġà mħallsa, u jġorrhom lejn Malta. Minkejja li l-Intimat iritra l-konsenja mingħand Bricoman fit-18 ta' Jannar 2019, din baqgħet qatt ma ġiet konsenjata lir-Rikorrent. F'telefonata li r-Rikorrent kien għamel lill-Intimat sabiex jiċċekkja x'sar minnhom l-affarijiet, l-Intimat kien ammetta li jista' jkun li dawn "qassamhom għand ħaddieħor". Ġie spjegat ukoll li r-Rikorrent kien uża s-servizzi tal-Intimat f'okkażjonijiet preċedenti u kollox kien mexa sew.

Illi minn naħa tiegħu ir-Rikorrent eżebixxa l-irċevuta maħruġa minn Bricoman datata 15 ta' Diċembru 2018 fl-ammont ta' erba mija u ħdax-il Euro u sebgħin ċenteżmu (€411.70) kif ukoll dokument "*copia accoglienza*" maħruġ minn Bricoman li jindika li fit-18 ta' Jannar 2019, ix-xogħol ġie miġbur mingħand l-istabbiliment minn ċertu "Mario" li ffirma ukoll dan id-dokument. Ir-Rikorrent spjega li dan il-persuna kien Mario Hallett, ħu l-Intimat, li jirresjiedi fi Sqallija.

Illi fix-xhieda tiegħu, l-Intimat stqarr li l-kariga tiegħu hija ta' Direttur tal-kumpanija International Express Transport Limited (C-46666) u li "il-proċedura f'dak iż-żmien kienet li meta xi ħadd jiġbor il-merkanzija tiegħu, insaqsih x'jismu imma ma konniex nitolbu li jiffirma xejn ħlief li naraw li l-isem jaqbel mal-kaxxa" u b'referenza għal dan il-każ, ma ftakarx jekk il-kaxxa in kwistjoni nġabritx mir-Rikorrent.

Illi t-Tribunal kellu ukoll okkażjoni jisma' *recording* tat-telefonata li fiha l-Intimat jikkoċedi jista' jkun li l-affarijiet tqassmu għand ħaddieħor. Ivan Hallett għaraf il-vuċi tiegħu f'dan ir-*recording* u allura, l-awtentiċità tiegħu ġiet stabbilita bla ebda dubju.

Illi t-Tribunal jifhem li r-relazzjoni legali kienet bejn ir-Rikorrent u l-azjenda intimata International Express Transport Limited (C-46666), li madankollu, kienet rappreżentata minn Ivan Hallett. Dan jirriżulta ukoll mir-riklam fuq Facebook eżebit mir-Rikorrent, li jindika l-isem tal-kumpannija. Għalhekk, huwa ċar u inekwivoku li bejn ir-Rikorrent u l-azjenda intimata kien hemm kuntratt ta' ġarr.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, dan il-każ japplika għalih l-Artikolu 1628 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u ċioè illi l-vettural ossija *carrier* għandu dwar il-

kustodja u l-ħarsien tal-ħwejjeġ fdati lilu l-istess obbligi tad-depożitarju. L-Artikolu 1630 imbagħad, jispjega illi l-vettural huwa obbligat *inter alia* għall-ħsarat li jiġru fl-oġġett meta ma jippruvax illi l-ħaġa ntilfet jew ġratilha ħsara b'aċċident jew b'forza maġġuri u mingħajr il-ħtija tiegħu. Jiġifieri dan illi l-pożizzjoni hi li s'intendi r-Rikorrent għandu l-oneru li jipprova illi daħal f'kuntratt ta' ġarr ta' merkanzija mal-azjenda intimata; illi l-merkanzija ġiet riċevuta mill-azjenda intimata fi stat tajjeb, u li meta waslet għand id-destinatarju ma kienetx għadha f'tali kondizzjoni imma kienet tinsab danneġġjata (jew addirittura ma waslet qatt). Minn hawnhekk il-quddiem, l-oneru jaqleb fuq l-azjenda intimata li għandha l-obbligi kontrattwali tagħha u kif naxxenti mill-liġi.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmelo Muscat et. vs Carmelo Agius*** (deċ. 14 ta' Jannar, 1939), il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), b'referenza għal-Artikolu 1630 tal-Kodiċi Ċivili ribadiet illi "din id-disposizzjoni tnissel preżunzjoni ta' ħtija għall-kariku tal-vettural, u biex iwaqqa' dik il-preżunzjoni l-vettural għandu jipprova l-konkors ta' żewġ ċirkostanzi: l-aċċident jew forza irreżistibbli, bħala kawża tal-ħsara; in-nuqqas ta' ħtija mill-parti tiegħu bħala kawża medjata jew immedjata tal-ħsara".

Illi mill-eżami tal-provi li għamel it-Tribunal, jirriżulta li fil-fatt ir-Rikorrent kien inkariga lill-azjenda intimata sabiex iġġorrlu l-merkanzija minn Sqallija sa Malta u li din il-merkanzija kienet ġiet tabilħaqq irtirata mingħand Bricoman. Jirriżulta ukoll, fuq bażi ta' probabbilità, li din il-merkanzija baqgħet qatt ma ġiet konsenjata lir-Rikorrent f'Malta. Daqstant ċar fil-fehma tat-Tribunal huwa l-fatt li Ivan Hallett, f'isem l-azjenda intimata, naqas milli jqanqal difiża ta' forza maġġuri jew ta' aċċident kif konsentit mill-liġi u naqas milli jipprova sodisfaċentament illi huwa ma kienx jaħti tat-telfien tal-merkanzija in kwistjoni u għalhekk, fin-nuqqas ta' dan, topera bis-saħħa kollha tagħha l-preżunzjoni ta' resposabbilità stabbilita fl-Artikolu 1630 tal-Kodiċi Ċivili kontra l-azjenda intimata bħala vettural.

Illi għalhekk, wara li qies sewwa l-provi kollha u xi tgħid il-liġi, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-t-talba tar-Rikorrenti jisthoqqilha akkoljiment.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqagħha u jiddikjara li l-azjenda intimata taħti għat-telf tal-merkanzija in kwistjoni, jikkundanna lill-istess azjenda intimata sabiex tħallas**

**lir-Rikorrent is-somma ta' erba mija u ħdax-il Euro u sebgħin ċenteżmu (€411.70), u dan fi żmien ġimgħa mid-data ta' din id-deċiżjoni.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu kollha a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***